# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 24 ta' April 2002**

**Avviz. numru 757/96**

**Numru 27**

**George Bonnici u John Bonnici ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta Middle Sea Insurance Company Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tieghu s-socjeta John Garage Limited kif wkoll l-istess John's Garage Limited**

**vs**

**Nazzareno Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi nomine et talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:

1. tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi nomine bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fis-6 ta‘ April 1995 fil-limiti ta‘ H’Zebbug bejn iz-ziemel tal-istess konvenut u l-vettura numru X-4753 u b’digriet tat-18 ta’ Gunju 2001 in-numru gie mibdul ghal Y1922 misjuqa minn Alfred Pisani liema incident gara meta z-ziemel li kien taht il-kontroll tal-konvenut sfratta u habat mal-vettura misjuqa minn Alfred Pisani;
2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur George Bonnici nomine fl-ammont ta‘ tlett mija u sitta u ghoxrin Lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm326.93,0) u dawk tal-attur l-iehor John’s Garage Limited fl-ammont ta’ mitt Lira Maltin (Lm100.00,0) jew ammonti ohra verjuri okkorendo bl-opra ta‘ Periti nominandi;
3. tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika ta’ l-Avviz.

Bl-ispejjes komprizi dawk ta’ Ittra ufficjali tal-24 ta’ Lulju 1995 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 14 tal-atti) u li biha eccepixxa:

1. Illi l-kollizjoni kienet kagunata minhabba ragunijiet unikament imputabbli lis-sewwieq tal-vettura X-4753 Alfred Pisani, u

ghalhekk l-esponent ma huwa fl-ebda mod responsabbli ghall-incident de quo.

2. Illi inoltre, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont ta' danni mitluba huwa esagerati u bl-ebda mod ma jirriflettu l-hsarat li effettivament garrbet il-vettura X-4753.

Salvi eccezzjonjijiet ulterjuri.

Rat id-digriet taghha moghti fit-18 ta' Gunju 2001 u li bih in-numru tal-vettura misjuqa minn Alfred Pisani gie korrett u sar Y-1922.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi Alfred Pisani (fol 44 et seq ibid) li kien qed jsuq "mini bus" numru Y 1922 kontenenti ghaxar turisti, spjega li "qbadt it-triq principali lejn ir-Rabat" u kien fuq l-"outer lane". Waqt li kien hekk tiela', hu ra, madwar zewg karozzi l-boghod minnu izda fuq il-karreggjata tax-xellug tieghu, lill-konvenut li kien qed jsuq ziemel bis-serkin ta' kulur ahmar. F'daqqa wahda, fi kliem l-istess xhud, "… iz-ziemel tal-konvenut gibed lejn il-"lane" tieghu …. (billi z-ziemel) gholla saqajh it-tnejn ta' quddiem u gibed ghal fuq il-

”lane” tieghu u ghalhekk gie quddiemu”. Hawnhekk, ix-xhud ghafas il-pedala tal-“brake”. Pero hu laqat is-serkin involut, li gie immedjatament quddiemu angolat “qiesu 90°” u dan “jidhirli fuq ir-rota tal-lemin”. Bhala konsegwenza, il-“minibus” misjuq minnu garrab hsara fuq quddiem (“ghafsa l-gewwa” u “il-bumper …. imdahhal il-gewwa” ara wkoll is-“survey report u l-kont ta’ tiswija a fol 5 u 6 tal-atti). Jinghad, ukoll, li, eventwalment, hu kien ftakar li l-konvenut kien qallu, wara l-incident, illi “… z-ziemel tieghu, f’daqqa wahda, marlu n-naha l-ohra”.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut, meta xehed (fol 51 u 52 tal-atti) spjega li effettivament, waqt li kien riekeb fuq is-serkin ta’ kulur blu fid-data u triq hawn fuq imsemmija “…. kien gie van u laqatni fuq ir-rota ta’ barra tal-lemin”. Kif gara hekk, hu kien waqa’ minn fuq is-serkin oltre li nhasad. Sussegwentement, hu ra li r-rota tal-istess serkin kienet mghawga. In rigward dan l-incident hu spicca biex jghid “… iz-ziemel kien ghadu dritt sejjer fid-direzzjoni tar-Rabat. Pero’, kif kelli dik l-imbottatura mar-rota jiena inqlibt minn fuq iz-ziemel u z-ziemel dar naqra ukoll”.

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher mill-premess, il-Qorti hi rinfaccata b'zewg versjonijiet tal-fatti konfliggenti bejniethom.  Ghalhekk rat jekk hemmx xi prova ohra prodotta u risultanti mill-atti sabiex tara liema versjoni, fuq basi ta' probabilta', tirrispekkja liema wahda hi l-aktar veritjera.  In rigward dan il-punt, l-istess Qorti rat dak li stqarr il-konvenut "a caldo" wara l-incident in esami, lill-Fizzjal tal-Pulizija li investiga dan il-kaz PS 754 (illum Spettur) Mario Buttigieg (ara fol 57 tal-atti f'dan ir-rigward).

Filfatt, mill-kopja tar-rapport esebit a fol 61 ibid, jidher li l-konvenut qal, lill-fizzjal imsemmi, "…. hu kien qed jsuq iz-ziemel fil-"lane" ta' gewwa  iz-ziemel dawwar rasu u sema' hoss mal-gemb".  Minn dan jidher li, probabilment iz-ziemel misjuq mill-konvenut ma kompliex ghaddej fuq il-karregjata interna izda kiser lejn il-lemin u invada dik li fuqha kien qed jsuq Alfred Pisani. Ghalhekk a basi ta' dan jidher li r-responsabbilta in rigward dan l-incident trid tigi akkollata lill-konvenut minhabba li dan ma hax il-prekawzjonijiet kollha sabiex dak li gara effettivament jigi evitat. Hawnhekk jkun opportun li jinghad li ma tantx hu prudenti li ziemel jinsaq f'triq traffikuza bhal dik in esami minhabba r-riskju li jkun hemm li jintilef il-kontroll tieghu.

Ikkunsidrat

Illi in rigward l-ammont ta‘ danni pretizi issir referenza ghad-dokumenti a fol 5 u 6 tal-atti kif ukoll ghax-xhieda ta’ Saviour Farrugia (fol 34 u 35 ibid kif ukoll fol 48 u 49 ibid) li specifika f’dan il-kaz kien hemm involut “excess” ammontanti ghal Lm50.

Ghal dawn il-motivi, tilqa t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala responsabbli ghall-incident in esami u dan minhabba negligenza da parti tal-istess konvenut;
2. tillikwida l-ammont ta’ danni fl-ammont komplessiv ta’ Lm365.10,0 u;
3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-atturi nomine is-somma ta’ Lm315.10,0 u lil John’s Garage Limited is-somma ta’ Lm50.00,0 bl-imghax legali mill-24 ta’ Lulju 1995 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta‘ Lulju 1995.

Alan Calleja
Deputat Registratur